**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 4 ta' Frar 2021**

Rikors Numru: 357/20 AL

A B

vs

C B

(M.R. Nru. 23/1991)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ippremettiet:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fit-tmienja u għoxrin ta' April, elf disa' mija u wieħed u disgħin (28 t' April 1991) f' Victoria Għawdex hekk kif jidher f' Att ta' żwieġ numru 23/1991 hawn anness u mmarkat bħala 'Dok AB 1';

2. Illi l-partijiet minn dan iż-żwieġ kellhom ħamest (5) itfal, li kollha huma maġġorenni, D E li twieled fi-tlettax ta' Settembru elf disa'

mija u tjen u disgħin (13 ta' Settembru, 1992), F G li twieldet fl-għaxra ta' Jannar, elf disa' mija u erbgħa u disgħin (10 ta' Jannar 1994), H-I li twieled fis-sittax ta' Novembru tas-sena elf disa' mija ħamsa u disgħin (16 ta' Novembru 1995), J twieldet fid-disgħa ta' marzu elfejn u wieħed (9 ta' Marzu 2001) u l-minorenni K-L li twieldet fit-tnax ta' Settembru elfejn u erbgħa (12 ta' Settembru 2004) ċertifikati tat-twelid annessi u mmarkati minn 'Dok AB 2 sa' AB 6'.

3. Illi l-partijiet ilhom de facto separati minn Mejju tal-2015 u f' Jannar 2016 l-attriċi telqet definittivament (għalkemm irritornat għal ftit ġimgħat lejn l-aħħar t' April tal-istess sena minħabba konvalaxxenza wara operazzjoni) mid-dar matrimonjali u ma baqgħetx tgħix Għawdex u niżlet tgħix B'Bugia Malta kif jixhdu id-dokumenti tal-Identity Management Office, l-ittra ta' Alfred Grech, l-ittra tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, l-ittra ta' medjazzjoni (ara erba' dokumenti annessi u immarkati bħala minn 'Dok AB 7 sa' AB 10)

4. Illi l-partijiet ilhom separati legalment sa' mid-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) permezz ta' kuntratt quddiem in-Nutar Dottoressa Josette Spiteri Cauchi dokument anness u immarkat "Dok AB 11";

5. Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li l-partijiet ilhom aktar minn ħames (5) snin mifrudin, illum ġgandhom ħajja totalment separati minn xulxin u hija għandha relazzjoni permanenti ma' sieħeb ieħor;

6. Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju stante li l-partijiet iddekadew definittivament għal kull jedd tagħhom li jitolbu u/jew jirċievi manteniment mingħand xulxin u dan skont l-anness kuntratt ta' separazzjoni personali (ara klawsola 5 f' paġna 2 tal-kuntratt);

7. Illi l-attriċi qed tħallas il-manteniment kemm ta' J kif ukoll ta' K kif stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni għalkemm dawn huma maġġorenni;

8. Illi l-partijiet dejjem żammu u imxew ma’ dak pattwit fil-kuntratt ta’ separazzjoni;

9. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divrozju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti sabiex;

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat nhar it-tmienja u għoxrin ta’ April tas-sena elf disa’ mija wieħed u disgħin (28 t’ April, 1991) f’ Victoria Għawdex bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjeż.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta’ Ottubru, 2020;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Rat illi l-intimat fuq domanda tal-Qorti wieġeb li ma għandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu it-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom *de* facto separati minn Mejju tal-2015 u ġiet ipprezentata wkoll ittra ta' medjazzjoni u ilhom legalment separati mid-29 ta' Novembru, 2018;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.